**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**[Avukat Sean G. Azzopardi]**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**Roberto Haj Toumi**

**Kumpilazzjoni Numru: 741/2022**

**Illum, tnax (12) ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Roberto Haj Toumi detentur tal-karta tal-identità 202802L** akkuzat talli matul is-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u s-snin ta' qabel, gewwa Bormla, San Giljan u/jew f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena u cioe ma' -Omissis-, liema persuna hija vulnerabbli ghaliex hija ta' taht il-hmistax-il sena;**
   ***Artikoli 204C(1); 208AC(1)(b)(2)(a) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **B'ghemil zieni, ikkorrompa lil -Omissis- persuna ta' taht is-sittax-il sena;**
   ***Artikolu 203(1) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

3. **U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recediv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
   ***Artikoli 49 u 50 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur -Omissis-;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-Ligi, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti**

**jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius.

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lill-Probation Officer **Dorian Cornelius** li gie mahtur minn din il-Qorti sabiex ihejji Pre-Sentencing Report fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena 2023. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. DC1. Jghid li mill-informazzjoni li gabar irrizultalu li l-imputat ghandu l-appogg tal-familja tieghu u partikolarment t'ommu. Jixhed li prezentement l-imputat jahdem bhala delivery person minkejja li dan mhux indikat fis-sistema tal-JobsPlus.

Jghid ukoll li l-imputat jaghmel uzu regolari tas-sustanza tal-kannabis. Izid jghid li ma setax jivverifika jekk l-istess imputat juzax sustanzi ohra stante li d-drabi li kien skedat ghal test tal-awrina l-imputat naqas milli jattendi. Jixhed li qieghed jigi rrakkomandat li stante dan kollu flimkien mal-akkuzi kif dedotti kontrih, l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' xoghol fil-komunità u dan biss jekk huwa idoneu u jekk ma hemmx problem relatati mad-droga.

## IKKUNSIDRAT

Illi il-kaz *de quo* jittratta dwar allegat partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena. Oltre minn hekk l-imputat fis-seduta datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena 2023 ammetta ghal tali reat.

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-gravità ta' dawn l-akkuzi permezz ta' analizi akuta tad-disposizzjonijiet li jiggvernaw l-istess akkuzi.

Illi l-artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola hekk:

*"Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' that is-sittax -il sena jehel, meta jinstab ħati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin".*

Illi referenza qieghda ssir ghall-artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax -il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin"*

Illi l-artikolu 208AC(1)(b) jistipula dan li gej:

*"l-piena ghar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inkluzi, 208A(1) sa 208AB, it-tnejn inkluzi, ghandha tizdied bi grad jew b'zewg gradi, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*…*

*b. meta l-persuna ta' taht l-età hija persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu (2)".*

Illi jirrizulta mill-atti li fi zmien li sehh l-allegat reat il-parte civile kellha bejn erbatax (14) u hmistax (15)-il sena u ghalhekk din il-Qorti ser taghmel referenza ghall-artikolu 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"ghall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:*
>
> *...*
>
> *a. kull persuna ta' taht il-hmistax -il sena."*

Illi l-ammissjoni tal-imputat giet irregistrata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri filwaqt li l-istess imputat kien anke kkopera mal-prosekuzzjoni fl-istadju investigattiv. Il-Qorti tosserva però li dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jinghata *carte blanche* daqs li kieku qatt ma gara xejn. Il-Qorti terga' ttenni li fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi di piu' l-imputat wera li ma tantx ried jottempera ruhu ma kwalunkwe ghajnuna lilu moghtija tul dawn il-proceduri li ttawwlu xi ftit propju sabiex jinghata dan il-beneficcju. Illi l-imputat ghandu wkoll l-addebitu tar-recidiva li taghmel il-pozizzjoni tieghu aktar problematika.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-*Probation* Dorian Cornelius ikkonkluda fir-rapport tieghu a fol. 28 tal-atti processwali:

> *"Wara li ttiehed inkonsiderazzjoni l-informazzjoni migbura fir-rapport kif ukoll l-akkuzi li qieghed jigi akkuzat bihom Roberto Haj Toumi, qieghed jigi umilment suggerit lil din l-Onorabbli Qorti illi sentenza ta' xoghol fil-kommunita` ghandha tkun wahda idonea ghall-imputat,* ***dan ga` la darba Roberto Haj Toumi ma jamilx uzu minn sustanzi lleciti.***[1]*"*

Illi l-imputat digà ddikjara li hu juza l-kannabis b'mod regolari u fil-fatt dan kien gie anke kkonfermat fir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation. Li kien ghad jonqos kien konferma li l-imputat mhux qieghed jaghmel uzu minn sustanzi lleciti bhal per ezempju kokaina u eroina.

Illi jrid jinghad li matul dawn il-proceduri din il-Qorti nnutat diversi nuqqasijiet da parti tal-imputat sabiex jimxi mal-istruzzjonijiet professjonali li nghatawlu. Il-Qorti tosserva

[1] Emfazi tal-Qorti

li l-konferma li l-imputat m'ghandux sustanzi lleciti fis-sistema tieghu damet biex giet konfermata.

Illi tali dewmien huwa solidament tort tal-imputat. Kemm-il darba gie osservat mill-Ufficjal tal-Probation li l-istess imputat naqas milli jattendi appuntament ghat-test tal-awrina.

Illi jinghad ukoll li ma tezisti ebda skuza fejn l-imputat jista' jonqos mill-obbligi tieghu lejn din il-Qorti sabiex juri li hu lest biex verament jirriforma ruhu. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis il-pieni marbutin mal-akkuzi li nhargu fil-konfront tal-imputat u li gew elenkati iktar 'il fuq.

Illi nonostante l-fatt li fl-ahhar l-imputat aderixxa ruhu mal-appuntament moghti lilu ghat-test tal-awrina, irrizulta li minkejja li tali test gie lura negattiv ghas-sustanzi illeciti tal-eroina u kokaina, hareg li hu pozittiv ghall-kannabis[2].

Illi r-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation kien car fis-sens li r-rakkomandazzjoni ghal piena li tinkludi servizzi komunitarju kien jiddependi totalment fuq jekk l-imputat setax jevita milli jkompli jikkonsma sustanzi illeciti. Illi

[2] Fol. 35

però, gialadarba illum il-gurnata l-uzu tad-droga kannabis ghal uzu personali hija xi haga permissibbli mil-ligi gialadarba l-imputat ikompli jaghmel uzu minn din id-droga skont il-ligi ma jistax jigi sanzjonat ulterjorment.

Ulterjorment, jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (Dok. KB3) u tal-parte civile (Dok. KB4) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu dsatax (19)-il sena u l-parte civile kellha hmistax (15)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u l-parte civile kien hemm differenza ta' erba' (4) snin.

Illi gialdarba gie kkonfermat li sar l-att sesswali u stante li din il-Qorti setghet mill-provi prodotti tiddeduci li l-istess atti saru bil-kunsens, din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika. Ghalhekk il-Qorti ser tapplika l-istess artikolu meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 203(1), 204C(1), 204C(3) u 208AC(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Roberto Haj Toumi** hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontrih fuq ammissjoni u tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal sentejn (2) kif ukoll ghal Ordni ta' Servizz fil-komunità ghal hamsin (50) siegha u liema ordnijiet ghandhom jifformaw parti integrali ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**